# L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI F'GĦAJDUT IL-MALTIN U L-GĦAWDXIN

*Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.*

## Daħla

Matul is-sena liturġika, Ommna l-Knisja Mqaddsa, kif xieraq tfakkar bosta "festi" ta' Kristu, Ommna Marija, San Ġużepp, l-Appostli, il-Martri, l-Anġli u bosta qaddisin oħra, bit-tama li aħna, l-insara li bħalissa nterrqu l-vjaġġ tagħna fuq din l-art, ikollna lil min nimitaw. Il-kelma festi poġġejtha fil-kwoti għaliex din il-kelma drajna nużawha f'sens wiesa', għax hemm diversi gradi, fosthom is-solennità u t-tifkira, bis-solennità tkun l-akbar mod kif il-knisja tiċċelebra dik il-festa partikolari. Imma 'l hinn mil-liturġija, hemm bosta "festi" li huma tal-istess grad, u f'pajjiżna kisbu popolarità iktar minn oħrajn. M'iniex se nsemmi l-festi tal-Milied u l-Għid għax tiġi ovvja, imma kemm hawn min, 'l hinn miż-Żurrieq u ż-Żejtun illi ma jafx li d-data tal-25 ta' Novembru hija t-tifkira ta' Santa Katarina? Kemm hawn min, 'l hinn minn Ħal Qormi u r-Rabat Għawdex illi ma jafx li d-data tat-23 t'April hija Jum San Ġorġ? Differenza minn xi postijiet partikolari, illi mingħajr ma nsemmihom ħalli ma nweġġa' lil ħadd, issib min lanqas jaf meta hija l-festa tiegħu, aħseb u ara kemm jiċċelebraha jew hija popolari f'imkejjen imbiegħda! Din il-popolarità wasslet sabiex jinbnew tradizzjonijiet u għajduti mill-antenati tagħna, tradizzjonijiet u għajduti li saru idjomi u qwiel, uħud minnhom b'tifsira li tista' titwemmen għax ġeneralment jiġri hekk. Kos, l-antenati tagħna qatt ma marru f'universitajiet, imma gradwaw mill-università tal-ħajja; qatt ma studjaw għal għalliema imma laħqu l-aqwa għalliema li għadna niftakru x'kienu jemmnu, tant illi ċerti qaddisin popolari aktar minn oħrajn intgħaġnu intrinsikament mal-ħajja kulturali u folkloristika Maltija.

Li l-jum tat-8 ta' Diċembru huwa jum ta' solennità ma jistqarruhx biss il-Bormliżi għax jiċċelebraw fih il-festa titulari tagħhom, jew l-istudenti u l-għalliema għax dakinhar ikun jum ta' btala, imma kull nisrani u nisranija li dakinhar niċċelebraw kif jixraq it-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija, solennità liturġika li fiha mħeġġin nissieħbu iktar mis-soltu fl-isbaħ talba – il-quddiesa. Mhux dan biss, imma hija wkoll Domma ta' Fidi kif proklamata mill-Papa Piju IX fl-1854 u kkonfermata minn fomm l-Omm ta' kull Faraġ u Ħniena lil Santa Bernardina f'Lourdes, erba' snin wara.



L-Altar tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Kappellun tal-Gandlora Parroċċa San Ġorġ Martri, Ħal Qormi

Imma lil hinn mit-Teoloġija u l-Istorja, ma nistgħux ninqatgħu mid-devozzjoni popolari. Devozzjoni ssir popolari għax jagħmilha l-poplu, u mhux biss il-poplu ta' dak ir-raħal jew belt partikolari, imma b'mod ġenerali. F'dawn il-ftit paragrafi se nelenka ftit għajduti li f'inħawi differenti ta' pajjiżna, mhux biss f'postijiet fejn jiċċelebraw il-festa tal-Immakulata, nibtu madwar il-jum tat-8 ta' Diċembru.

## Il-Kunċizzjoni Stilla

M'iniex se nikteb dwar l-istilel li nkunu qegħdin narmaw dak iż-żmien u li nkomplu nixegħluhom sa madwar xahar wara, lanqas dwar xi stilla li fil-festi tagħna nużaw sabiex nuru li aħna ma' dak il-każin u mhux mal-ieħor, imma dwar l-istilel tal-maltemp. Ma nkun qed ngħid xejn ġdid meta ngħid illi Diċembru huwa xahar ta' xita u maltemp, u għalhekk l-għajdut dwar l-Immakulata, bosta drabi jkun idur mat-temp xitwi li nibdew nesperjenzaw. Bħala bandist, xi drabi kont qed indoqq mal-Banda Madonna tal-Ġilju fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, u mhux l-ewwel darba li tħassret il-purċissjoni jew il-kunċert ta' wara; l-istess jista' jingħad għal Bormla. Waħda mill-akbar maltempati li laqtu lil pajjiżna fis-snin tmenin seħħet f'dan il-jum. Bħala Birżebbuġjan, fi tfuliti konna niċċelebraw b'marċ din il-festa viċin il-kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bengħajsa, u aktar iva milli

le, konna nibdew u ma nispiċċawx bil-maltemp, apparti l-ksieħ kbir illi f'dawk l-inħawi tar-raba' jkun wisq dominanti.

Fil-ktieb X'Jgħid il-Malti, il-folklorista Manwel Magri, Patri Ġiżwita, jgħid illi "ġranet ta' xita qawwija ngħidulhom stilli". Bosta sajjieda jgħidu li l-Kunċizzjoni hija l-ewwel stilla tal-maltemp. Matul is-sena, ċerti dati ta' festi jintrabtu magħhom tradizzjonijiet partikolari, fosthom din tal-Immakulata u l-maltemp.

Hawn twemmin differenti dwar l-istilel tal-maltemp. Issib min jemmen illi stilla tax-xita mhux bilfors hija stilla tal-maltemp u viċi-versa. Nispjegaw aħjar: f'xi postijiet f'Għawdex isostnu li l-aħħar stilla tal-maltemp hija t-13 ta' Ġunju, it-Tifkira Obbligatorja ta' Sant'Antnin. Mhux l-ewwel darba li esperjenzajna x-xita, kultant qawwija wkoll f'Ġunju u anke f'xhur oħra sajfin, iktar u iktar f'dawn l-aħħar snin meta l-klima qed tinbidel b'ritmu kultant rapidu. Madankollu, xi Għawdxin ma jsejħux lil Sant'Antnin stilla għax bilfors mistenni li jagħmel ix-xita, imma għax ikun mistenni ħafna riħ. Għas-sajjieda, ir-riħ qawwi huwa agħar mix-xita għax minbarra li joffri skumdità fuq il-baħar joħloq anke periklu.

Lura għall-istilel tal-maltemp. Ħafna minnhom, għalkemm mhux kollha, huma marbutin max-xhur tal-ħarifa aktar milli tax-xitwa. It-8 ta' Diċembru, fil-fatt ikun għadu l-ħarifa, anzi jkun il-qofol tal-ħarifa, għaliex inkunu qegħdin noqorbu sabiex madwar ġimagħtejn wara nibdew l-istaġun tax-xitwa. Għalhekk, f'dawk il-jiem, minħabba li l-arja kiesħa tkun għadha titħallat ma' dik sħuna, aktar ikun hemm ċans ta' xi maltempata kbira.

Dan it-twemmin popolari jvarja wkoll skont l-irħula. Għalkemm għal ħafna nies, hija l-Immakulata Kunċizzjoni stilla tal-maltemp, għax il-jum liturġiku tagħha huwa magħruf minn kulħadd, għas-Siġġiwin, aktar huwa San Nikola ta' Bari stilla tal-maltemp. Il-festa tiegħu taħbat fis-6 ta' Diċembru, jumejn qabel il-Kunċizzjoni.

## Jekk toħroġ is-seftura, toħroġ is-sinjura

Dan il-qawl għadu popolari ħafna. L-għan tiegħu huwa li juri żewġ jiem ta' festi partikolari: il-25 ta' Novembru – jum Santa Katarina u t-8 ta' Diċembru – jum l-Immakulata Kunċizzjoni. Naturalment, min huwa devot ta' Santa Katarina ma tantx jogħġbu dan il-proverbju għax ma jiħux gost illi l-qaddisa li jħobb titqies bħala seftura. Min jaf kemm-il darba biex niċċajta ma' xi ħabib Żurrieqi jew Żejtuni ngħidlu min jaf il-Bormliżi kif ikunu jistennew il-25 ta' Novembru biex jaraw toħroġx is-seftura ... darba qlajt tweġiba sabiħa li mis-sema 'l isfel kulħadd seftur. Mhix l-ewwel darba li l-qawl ma kienx korrett totalment għax jagħmel il-maltemp f'waħda minnhom. Madankollu, min jaf xi skop kellhom missirijietna? Tgħid għax f'numru ta' snin kienu nnutaw li dak illi jiġri fil-25 ta' Novembru jirrepeti bejn wieħed u ieħor l-istess fit-8 ta' Diċembru? U għaliex it-8 ta' Diċembru mhux id-9 jew jum ieħor? Għaliex il-popolarità ta' dan il-jum? Hija sempliċiment popolarità?

## Tmiem

Hemm iktar proverbji u għajduti li nixtieq nittratta, madankollu ntrabatt ma' dawn sabiex inkun nista' nitkellem ftit fuq kull wieħed. Ma nitħajjarx inżid għax naħseb illi l-membri tal-bord editorjali ikollhom raġun iħarsuli bl-ikrah meta jarawni ndoqq mal-Banda Madonna tal-Ġilju fil-jiem tal-festa. Qabel nagħlaq, madankollu nixtieq li nipprova nwieġeb il-mistoqsija li għamilt dwar il-popolarità. Il-popolarità ta' Ommna Marija hija kkonfermata minħabba d-devozzjoni li ilha li daħlet f'pajjiżna minn żmien bikri, imma mhux hekk biss, għax fuq kollox hija Ommna Marija. Fi Żmien l-Għarab, minkejja li fl-istudju Ġilibertu kien sab 836 familja Musulmana minn 1,119, juri li kien għad fadal komunità ċkejkna ta' Maltin illi baqgħu jipprattikaw it-twemmin Nisrani. B'hekk, aktarx illi Ommna Marija, għalkemm b'mod sottili, baqgħet mogħtija l-ġieħ u l-qima. Barra minn hekk, minbarra l-festi ta' matul is-sena, huma bosta l-kappelli, il-kappelluni fil-knejjes, l-altari, il-fratellanzi u l-għaqdiet imsemmija għal bosta esperjenzi li ġarrbet Ommna Marija matul ħajjitha, inkella għal xi titlu ta' xi dehra tagħha.

Nagħlaq billi nawgura lill-Imqabbin kollha, festa sabiħa ad unur Ommna Marija Immakulata tal-Ġilju, titlu uniku u partikolari ħafna f'pajjiżna, simbolu tal-purità li din il-persuna straordinarja fl-istorja tad-dinja ħaddnet matul ħajjitha, il-patruna sa mill-qedem ta' dan ir-raħal illi jagħtiha ġieħ. L-Imqabba – raħal Marjan – mogħni bi storja kbira u Marjanoloġija kontinwa. Ħa tkun imsebbħa u mgħollija fuq il-kori kollha tal-Anġli din l-Omm Ħanina, Omm il-Feddej u Ommna lkoll; ħa tkompli tkun il-mutur illi tmexxi lil pajjiżna; bħalma għamlet bosta drabi, speċjalment meta dorna lejha; ħa tissokta tintgħaġen mal-istorja u t-tradizzjoni ta' Malta u Għawdex b'mod illi ħadd ma jista' jħollha mal-folklor, il-kultura u l-għerf, miktub u mhux ta' missirijietna!

***Referenzi:***

*Galea Victor J.; Qwiel u Qaddisin; Calypso Island Publications, 1999*

*www.kappellimaltin.com*

*www.biedjamalta.webs.com*

*www.aboutmalta.com*

*www.schoolnet.gov.mt*